Minuti tal-34 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 6 ta' Mejju, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 1.34pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Ann Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

## 1.0 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements

1.1 Gie spjegat li l-Audited Financial Statements kienu ghadhom kif intbatu u ghalhekk dawn iridu jigu approvati mill-Kunsill. Kopja ta' dawn id-dokumenti inghatat lill-Kunsilliera.

1.35pm Anthony Camilleri dahal ghal-laqgha.

1.2 Saret telefonata lill-accountant tal-Kunsill ghal xi kjarifiki u wara inghatat spjegazzjoni tal-financial statements lill-Kunsilliera. Il-Kunsill approva il-Financial Statements u qabel li dawn ghandhom jigu iffirmati.

## 2.0 Seher il-Punent 2015

2.0 Gie spjegat li l-Kunsill ghandu kif ircieva korrispondenza fejn qeghda ssir proposta sabiex isir il-Festival ta' Seher il-Punent nhar is-6 ta' Gunju, 2015 taht it-tema ta' Festival tal-Bettieh. Festival fuq din it-tema kien diga gie propost sabiex isir precedentament pero' ma kienux inghataw il-fondi necessarji sabiex jitella'. Gie spjegat ukoll li l-unika sehem tal-Kunsill huwa billi jipprovdi s-somma ta' €2500 sabiex jitella' dan il-festival partikolari kif ukoll jipprovdi l-pjazza u xi ghajnuna zghira li tintalab.

Emanuel Muscat staqsa jekk hux filghodu biss jew gurnata shiha. Gie spjegat li dan ikun fuq gurnata simili ghal dawk li saru f'dawn l-ahhar gimghat gewwa Malta.

Is-Sindku kompla jispjega li huwa insista ma' l-organizaturi li peress li huwa festival li ser jitella' fil-lokalita' l-ewwel jigu avvicinati l-bdiewa tar-rahal.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-Kunsill ghandux ideja kif ser jigu utilizzati l-fondi. Gie spjegat li bhala organizazzjoni hija kollha f'idejhom bhala organizzaturi. Da parti tieghu l-Kunsill iridu jipprovdi l-fondi necessarji sabiex jitella' dan il-festival. Emanuel Muscat staqsa dwar kemm kien il-budget ta' Seher il-Punent ghal din is-sena. Gie spjegat li dan kien jammonta ghal €6000 fejn il-parti l-ohra li jifdal wara li jitella' l-festival ta' Seher il-Punent ser jintuzaw fil-*commitment* tal-Kunsill li ghandu sabiex jitella' l-*musical*. B'hekk inkunu nistghu inkomplu fuq ix-xoghol tieghu biex jitella'.

Emanuel Muscat qal li l-importanti li wara l-ispejjez li ser jintefqu sabiex jitella' dan il-musical important li jibqa' ghand il-Kunsill. Gie spjegat li l-*copyright* tieghu tibqa' tal-Kunsill fejn nibqghu nahdmu fuqu u kif ikun hemm il-fondi disponibbli jkun jista' jitella'.

Il-Kunsill qabel li ghandu itella' l-festival ta' Seher il-Punent bhala festival tal-bettiegh u jitkompla x-xoghol fuq il-musical.

## 3.0 Materji ohra - Progett M313 – Inawgurazzjoni

3.1 B'konessjoni mad-data ta' Seher il-Punent gie spjegat li qed isir tentattiv sabiex fil-5 ta' Gunju jigi inawgurat il-Ground. Fil-prezent diga saret komunikazzjoni ma' l-ufficju tal-Prim Ministru sabiex naraw jekk huwiex disponibbli fid-data imsemmija. Din id-data fil-fatt ghadha trid tigi ikkonfermata mill-Ufficju tal-Prim Ministru.

3.2 Il-Programm tal-ftuh ufficjali ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss pero' fil-prezent wara diskussjoni li s-Sindku kellu ma' l-Gharb Rangers huma issuggerew li jitellghu xi partiti pero' isir f'hin qabel ma jkun ghadu wasal il-Prim Ministru.

Bhala inviti kif ga gie diskuss is-Sindku isugerixxa li ghandhom jigu mistiedna Ministri u Membri Parlamentari miz-zewg nahhat tal-Kamra fosthom, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Evarist Bartolo, l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Anton Refalo, il-Membri Parlamentari Ghawdxin kif ukoll id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.3 Sadanittant jekk ha jifdal xi fondi l-Kunsill qabel li ghandha titranga l-parti ta' quddiem il-changing rooms sabiex b'hekk din il-parti tkun kompluta ukoll.

3.4 Il-Kunsill qabel li jekk ser ikun difficli li l-Prim Ministru jiftah ufficjalment l-Ground, ghanha ssir talba lill-Ministru ghal Ghawdex fil-prezenza tal-Ministri u Membri Parlamentari l-ohra.

## 4.0 Aggornament

7.1 Il-laqgha li jmiss kif diga sar qbil fil-laqgha precedenti ser tinzamm nhar il-Erbgha 20 ta' Mejju, 2015 fit-3.00pm.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 2.07pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv